MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru 537/2007

**Il-Pulizija**
**(Spetur Stephen J. Gatt)**

**versus**

**Abdel Mouniam Jabal**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Abdel Mouniam Jabal ta’ 38 sena iben Mohammed u Fatima Eleisew. Imwieled Casablanca fil-Marokk fis-7 ta’ Mejju 1969 u joqgħod 4B Charles Guesthouse, Triq ix-Xatt ta’ l-Imsida, Imsida I.D. 10234 A u passaport Malti 791888 u li issa stqarr li ser joqgħod fil-fond 22 Sant Angelo Street L-Isla

Akkużat tali fl-20 ta’ Ġunju 2007 ġewwa l-Imsida għall-ħabta tal-11.00 a.m.

a)  Għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1214 L Dimech kif ccertifikat Dr. Tania Mizzi MD tac-Centru tas-Saħħa tal-Gżira, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel is-servizz jew bi ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

b)  Talli fl-istess lok, jum, ħin u cirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC1214 L Dimech, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta

c)  Talli fl-istess lok, jum, ħin u cirkostanzi kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1214 L Dimech hek kif ccertifikat minn Dr. T Mizzi MD tac-Centru tas-Saħħa tal-Gżira u dan bi ksur ta' l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

d)  Talli fl-istess lok, jum, ħin u cirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' PC 1214 L DImech u Alfred Galea sabiex jinġurjahom jew jagħmillhom ħsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

e)  Talli fl-istess lok, jun, ħin u cirkostanzi kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Alfred Galea hekk kif ccertifikat Dr. T Mizzi MD tac-Centru tas-Saħħa tal-Gżira u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

f)  Talli fl-istess jum u xhur qabel għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundagg u dan bi ksur ta' l-Artikolu  338(w) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali permezz tan-Nota tiegħu ta’ l-10 t’Ottubru 2007.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat għal dawn l-artikoli liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha.

Isegwi li l-imputazzjonijiet kollha huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 95(1), 96(a), 214, 221, 339(1)(d), 338(w), 383, 384, 386, 17, 23, 31 u 533 kollha tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għawel li jammetti fi stadju relattivament bikri kif jirriżulta mill-atti, li l-fedina penali ta’ l-imputat hija nadifa, u l-verbal li sar bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ sena li għandha tibqa’ sospiża sakemm l-imputat ma jagħmel ebda reat fi żmien sentejn mil-lum. Minn din il-piena għandu jinqata’ ż-żmien kollu li l-imputat għadda taħt arrest preventiv. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------